**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 7 TA' JANNAR, 2002

**Numru: 27**

**Avviz Nru: 762/01AE**

**Rabelink International Freight (M) Ltd**

**vs**

**Framco Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas ta' hames mija u disgha u tmenin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm589.22) bhala hlas ghal servizz ta' garr ta' merkanzija provdut mis-socjeta attrici fuq ordni tas-socjeta konvenuta.

Ra r-risposta li giet prezentata mis-socjeta konvenuta u li permezz taghha eccepiet li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress il matul il-garr tal-merkanzija u waqt li l-merkanzija kienet taht ir-responsabbilta tad-ditta

attrici nsterqu diversi oggetti fis-somma ta' erbgha mija u disgha u tletin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm439.77).

Rat it-talba rikonvenzjonali tas-socjeta konvenuta li permezz taghha talbet il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u disgha u tletin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm439.77), valur ta' oggetti li nsterqu meta l-merkanzija kienet taht il-kustodja tas-socjeta attrici.

Rat ir-risposta li giet prezentata mis-socjeta attrici u li permezz taghha eccepiet:

1. Ma tistax issir f'dawn il-proceduri u dana abbasi tal-Artikolu 400 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) li tghid illi l-konvenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalita' ohra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba tieghu.
2. Fil-proceduri odjerni s-socjeta attrici qeghda tidher fil-kwalita taghha personali filwaqt illi l-garr tal-merkanzija imsemmija fil-kontro-talba kien sar mis-socjeta attrici fil-kwalita' taghha ta' agent tas-socjeta estera.
3. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda peress illi s-socjeta attrici m'hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta konvenuta.

Rat ir-risposta ulterjuri li giet sollevata mis-socjeta attrici u li permezz taghha eccepiet li f'kaz li tinsab responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta Framco Ltd, id-danni ghandhom jigu likwidati ai termini tal-Carriage of Goods by Road Act 1965 (CMR) senjatament artikolu 23(3).

Ra l-atti tal-kawza.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet li giet prezentata mis-socjeta attrici fil-21 ta' Dicembru 2001.

Ikkunsidra:

1. Mill-provi jirrizulta li s-socjeta attrici pprovdiet servizz ta' garr ta' merkanzija lis-socjeta konvenuta. Il-merkanzija kienet tikkonsisti f'kaxxi taz-zraben.

2. Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2001, l-avukat Dr. Martin Fenech ghas-socjeta konvenuta ddikjara: *"illi wara li saru l-verifiki irrizulta lli l-ammont mitlub mis-socjeta attrici huwa dovut kollu"*. Ghaldaqstant, fuq is-somma ta' hames mija disgha u tmenin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm589.22) m'hemmx kontestazzjoni li hija dovuta mis-socjeta konvenuta.

3. Il-kwistjoni tibqa' dwar id-danni reklamati mis-socjeta konvenuta fl-ammont ta' erbgha mija u disgha u tletin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm439.77), valur ta' tmienja u ghoxrin (28) par zarbun li nstabu nieqsa meta giet rilaxxata wahda mill-konsenji. It-Tribunal huwa sodisfatt li mill-provi rrizulta li ma gietx konsenjata l-merkanzija kollha li s-supplier (Calzaturificio A & G) baghat. Issir riferenza ghax-xhieda moghtija minn:

   - **Ronald Naudi** (rapprezentant tas-socjeta attrici) li xehed: *"naf ukoll li f'dal-kaz partikolari kien sar anke survey-report u konkluz **<u>illi x-xoghol effettivament naqas u li dan sehh 'in transit'. Ghalhekk jien qieghed nghid li ghandhom japplikaw is-C.M.R</u>**"* (seduta tal-10 ta' Dicembru 2001).

   - **Saviour Chetcuti** (ufficjal tad-dwana li spezzjona x-xoghol), u li ddikjara li meta nfethu l-kaxxi fil-prezenza tal-burdnar irrizulta li kien hemm il-merkanzija, irrizulta li kien hemm kaxxi ta' zraben nieqsa. Dan kompla jghid: *"irrid nisjega illi mat-tape li kien hemm fuq kull kaxxa tad-ditta estera, kien hemm ukoll fuqu tape trasparenti li tqieghed, u dan sabiex wiehed ma jindunax illi l-kaxxi nfethu"*.

   - **Maria Casapinta** (direttur tas-socjeta konvenuta) li kkonfermat li sabet tmienja u ghoxrin (28) par zarbun nieqes.

4. Mill-provi jirrizulta li s-socjeta konvenuta ghandha relazzjoni guridika mas-socjeta attrici li giet inkarigata sabiex tiehu hsieb twassal il-merkanzija f'Malta. Il-fatt li mbaghad is-socjeta attrici setghet inkarigat lil terzi sabiex tirtira l-merkanzija mill-fabbrika estera, ma jfissirx li b'daqshekk nholqot relazzjoni guridika u

kontrattwali bejn it-terz u s-socjeta konvenuta. Interessanti dak li nghad fil-kawza fl-ismijiet **Benjamin Bonnici nomine vs Francis Vella et nomine** deciza fit-30 ta' Ottubru 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Citaz. Nru: 1083/92JF): *"Illi mill-provi jirrizulta kjarament li r-rabta kuntrattwali kienet bejn is-socjeta attrici u s-socjeta konvenuta. Kull sub-appalt iehor raggunt bejn il-konvenuti nomine u t-terz – minghajr ebda partecipazzjoni jew intromissjoni da parte tas-socjeta attrici (f'dan il-kaz is-socjeta speditrici) – m'ghandux ikun ta' impediment ghat-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta naxxenti mill-ftehim tal-garr milhuq bejniethom. Is-socjeta attrici ma kellha qatt rapport guridiku mat-terz. Is-socjeta konvenuta naqset milli twassal il-merkanzija tal-attur… kif kienet tenuta li taghmel……. Il-konvenuti nomine ma rnexxilhomx jippruvaw li n-nuqqasijiet graw minhabba ragunijiet barra mill-kontroll taghhom. Fl-ebda waqt ma rrizulta li l-attur… ta l-kunsens tieghu jew awtorizza lill-konvenuti nomine biex dawn jinkarigaw it-trasport lil terz. Kull ftehim ghalih kien res inter alios acta u n-norma applikabbli f'kaz bhal dan hija dik li pacta tertis nec presunt nec nocent"*. Mill-provi jirrizulta li s-socjeta attrici dahlet fi ftehim ta' trasport mas-socjeta konvenuta. Lanqas ma jirrizulta mill-provi li s-socjeta attrici b'xi mod kienet informat lis-socjeta konvenuta li kienet ser tinkariga lil terzi u/jew li din tat il-kunsens taghha. B'riferenza ghat-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta attrici, id-dokument RN1 jikkonferma li fil-qadi ta' l-inkarigu taghha s-socjeta attrici ma kenitx qeghda tagixxi bhala agent ta' socjeta estera. Tant hu hekk li r-rapprezentant tas-socjeta attrici xehed: ***"Min-naha taghna ahna nimlew formola li nsibuha bhala booking order. Din il-booking order nibaghtuha lill-agent taghna, li dak iz-zmien kienet id-ditta Nininvirta Transport"*** (seduta tal-10 ta' Dicembru 2001). Fil-fehma tat-Tribunal dan huwa kaz ta' inadempjenza kuntrattwali min-naha tas-socjeta attrici li ghalhekk jghabbiha bir-responsabbilta ghall-hlas ta' danni.

5. Permezz ta' risposta ulterjuri s-socjeta attrici qeghda tikkontendi li fil-likwidazzjoni tad-danni ghandhom japplikaw l-Carriage of Goods by Road Act 1965 (CMR) senjatament artikolu 23(3). Jidher bic-cjar li s-socjeta attrici qeghda talludi ghal Convention on the Contract for International Goods by Road (Geneva, 19 ta' Mejju 1956) maghrufa ahjar bhala s-CMR Rules u mhux ghal ligi Ingliza (ara wkoll f'dan

is-sens in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fil-21 ta' Dicembru 2001). It-Tribunal m'ghandu l-ebda prova li kien hemm xi ftehim espress bejn il-kontendenti li kellhom japplikaw dawn ir-regolamenti fir-rigward tal-konsenja meritu tat-talba rikonvenzjonali. Id-dokument RN5 li huwa kopja tal-*International Consignment Note*, jirreferi ghar-relazzjoni bejn il-kumpannija estera Niinvirta Transport Spa u s-socjeta attrici. Tant hu hekk li s-socjeta konvenuta ma tissemma fl-ebda parti ta' dan id-dokument.

6. Is-socjeta attrici tikkontendi li s-CMR Rules japplikaw bis-sahha ta' l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni li jipprovdi:

> ***"This Convention shall apply to every contract for the carriage of goods by road in vehicles for reward, when the place of taking over the goods and the place designated for delivery, as specified in the contract, are situated in two different countries, of which at least one is a Contracting country, irrespective of the place of residence and the nationality of the parties"***.

7. Jirrizulta li Malta ma kenitx wahda mill-*contracting states* u sal-lum ghadha ma rratifikatx din il-Konvenzjoni. Ghaldaqstant, il-Konvenzjoni ma tifformax parti mil-ligi ta' pajjizna. It-Tribunal ma jistax japplika Konvenzjoni li m'hijiex ligi f'Malta u li dwarha ma jirrizultax li kien hemm ftehim bejn il-kontendenti li kellha tapplika. Lanqas ma tressqet xi prova u jew inghatat xi eccezzjoni fis-sens li l-*proper law of the contract* ma kenitx il-ligi Maltija. Issir ukoll riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Alfred Grima nomine vs Saviour Mifsud nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Dicembru 1991: *"**Biex il-konvenzjoni*** (CMR Rules) ***tapplika l-partijiet iridu jkunu espressament ftehmu hekk**. Dan il-principju huwa segwit f'diversi sistemi guridici.... U l-Qorti tal-Kummerc b'riferibilment ta' dawk li huma maghrufa bhala The Hague Rules, irritjena l-istess principju fis-sentenzi Avukat Dr. Austin Sammut noe et vs Vivienne Bianchi et noe tat-3 ta' Mejju 1990 u l-Avukat Dr. Austin Sammut noe et vs James G. Gollcher et noe tal-10 ta' Mejju 1990"*. Insenjament li gie segwit fil-kawza fl-ismijiet **George**

**Bonnici et noe vs Joseph Vella et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civli fit-12 ta' Dicembru 2001.

8. Dwar l-ammont ta' danni reklamati mis-socjeta konvenuta, is-socjeta attrici kkontestatu biss in kwantu tippretendi li ghandu japplika l-Artikolu 23 tas-CMR Rules (*Limitation to the amount of damages*). Anke mid-dokumenti ezebiti mis-socjeta konvenuta, l-ammont pretiz jirrizulta ppruvat.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza b'dan il-mod.

1. Jilqa' t-talba tas-socjeta attrici ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u disgha u tmenin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm589.22);

2. Jilqa' t-talba rikonvenzjonali tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbgha mija u disgha u tletin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm439.77) u jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta attrici f'dan ir-rigward, salv u mpregudikat kwalsiasi dritt li s-socjeta attrici jista' ghandha fil-konfront ta' terzi.

3. Jiddikjara li bejn iz-zewg krediti ssehh tpacija u jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas is-somma ta' mija u disgha u erbghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm149.45) ghas-saldu ta' kull pretenzjoni li ghandha s-socjeta attrici b'riferenza ghall-meritu tal-kawza odjerna.

L-ispejjez jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.